# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tnejn (2) ta' Marzu 2021**

**Rikors Numru 843/20 FDP**

Fl-ismijiet

**L-Avukat Dottor Martina Farrugia (ID 255591M) bħala prokuratur speċjali tas-soċjeta' NT Bunkering AS ta' Liimi 1, 10621 Tallinn, Estonia**

**Vs**

**Pal Bulk 1 Shipping Co Ltd (C-64063)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 23 ta' Settembru 2020, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talbet s-segwenti:

   i. *Illi s-socjeta' rikorrenti NT Bunkering AS tissuplixxi prodotti ta' marine fuel, liema soċjeta' tat tlett (3) provvisti ta' bunker fuels lill-bastiment M/V Sultan Bey IMO Nru 943779 propjeta tas-soċjet'a intimata Pal Bulk 1 Shipping Co Ltd. Kopja tat-Transcript of Registry maħruġ mir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili f'Malta bħala DOK SB1.*

   ii. *Illi dawn il-provisti jammontaw għas-somma globali ta' ħamsa u disgħin elf, mitejn u ħamsa u tletin Dollaru Amerikan (USD 95,235) ekwivalenti għal tmenin elf, sebgħa mija. sitta u disgħin Ewro u erbgħa u sittin ċenteżmu (EUR 80,796.64) skond ir-rata tas-skambju hawn anness u mmarkat DOK SB2. Il-fatturi relevanti flimkien mal-Bunker Delivery Notes u l-Bunker Order Confirmation relattivi huma hawn annesi u mmarkati bħala DOK SB3-SB5.*

iii. *Illi skond il-fatturi annessi, kien hemm ħamsa u erbgħin (45) ġurnata żmien mill-ġurnata tal-ħruġ ta' l-istess fatturi sabiex il-fatturi jitħallsu. Illi dan iż-żmien skada u għalhekk dawn is-somom huma dovuti.*

iv. *Illi skond it-termini u kundizzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti hawn annessi u mmarkati DOK SB6, hija għandha titħallas penali amministrattiva ta' ħames mitt dollaru Amerikan (500USD) fejn hemm dewmien fil-ħlas. Il-penali amministrattivi applikati għat-tlett fatturi, jammontaw għas-somma ta' elf u ħames mitt dollaru Amerikan (USD1,500) u għalhekk dan l-ammont huwa ekwivalenti għal elf, mitejn u tnejn u sebgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (EUR1,272.59).*

v. *Illi dan ifisser li s-somma globali ta' tnejn u tmenin elf u disgħa u sittin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (EUR 82,069.23) hija dovuta lis-soċjeta' rikorrenti.*

vi. *Kif jidher mill-fatturi annessi, s-soċjeta' rikorrenti ikkuntrattat oriġinarjament mas-soċjeta Turkija Palmali Gemicilik Ve Acentelik A.S, liema soċjeta' tifforma parti mill-Palmali Group of Companies flimkien mas-soċjeta' propjetarja tal-bastiment Pal Bulk 1 Shipping Co Ltd.*

vii. *Illi minħabba l-fatt li l-Palmali Group of Companies kienu f'qagħda finanzjarja ħażina, iċ-Chairman tal-Grupp Mansimov Mubariz Gurbanoglu ffirma ittra ta' garanzija indirizzata lis-soċjeta' rikorrenti fejn rabat il-kumpaniji kollha tal-grupp inkluż is-soċjeta' intimata, solidatament bejniethom, għad djun relatati mal-provvista ta' bunkers lill-bastimenti ta' Palmali group.*

viii. *Illi għalhekk s-soċjeta' intimata hija solidatament responsabbli għal ħlas ta' dan l-ammont ai termini tal-garanzija maħruġa fil-15 ta' Mejju 2019 fejn intqalet:*

*'In case of bunkers provided to a Palmali vessel is not paid by due date and also not paid during additional time given for settlement by relative notice, all companies shall be responsible for the debt jointly and severally, further NT Bunkering shall have a right to set-off all due amounts from charter-hire payable for MV Natig Aliyev, currently chartered by NT Bunkering.'*

*Kopja tal-Garanzija hawn annessa u mmarkata DOK SB7.*

ix. *Illi Manzimov Mubariz Gubranoglu li ffirma l-garanzija, huwa d-direttur, ir-rappreżentant legali u r-rappreżentat gudizzjarju waħdieni tas-soċjeta' intimata skond estratt meħud mir-Reġistru tal-Kumpaniji hawn anness u mmarkat bħala DOKSB8.*

x. *Illi s-soċjeta' rikorrenti interpellat lil Palmali Group diversi drabi sabiex iħallsu l-fatturi, iżda dawn baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*xi. Illi dan id-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u sa fejn taf is-soċjeta' esponenti nomine, is-soċjeta' intimata m'għandha ebda eċċezzjoni valida x'tagħti in konnessjoni mat-talbiet attriċi.*

*GHALDAQSTANT, tgħid is-soċjeta' intimata, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi u kif dispensat mis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-*

*1. Tipproċedi għas-sentenza skond it-talba tas-soċjeta' rikorrenti bid-dispensa tas-smiegħ tar-rikors ai termini tal-Artikolu 167/170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*2. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' tnejn u tmenin elf u disgħa u sittin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (EUR 82,069.23) oltre l-imgħax legali mid-data indikata għal-ħlas fil-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati minn issa in subizzjoni.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mar-rikors promotur.

3. Rat illi din il-Qorti appuntat il-kawża ghas-smiegh għas-26 ta' Otturbu 2020.

4. Rat illi fis-26 ta' Ottubru 2020, il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti nomine tinnotifika lis-soċjeta' intimata bil-pubblikazzjoni u affissjoni.

5. Rat illi fl-10 ta' Novembru 2020 saret l-affissjoni fl-indirizz tas-soċjeta' intimata ġewwa Santa Venera, kif ukoll fl-Għassa u Kunsill Lokali ta' Santa Venera. (fol 30)

6. Rat il-pubblikazzjoni illi saret fil-Gazzetta tal-Gvern fid-9 ta' Frar 2021 (fol 42B) kif ukoll fil-gazzetta in-Nazzjon tas-17 ta' Frar 2021 (fol 42C) u fil-Malta Independent tas-17 ta' Frar 2021 (fol 42D).

7. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikorrenti fid-19 ta' Frar 2021.

8. Rat illi fil-25 ta' Frar, meta ssejjħet il-kawża, ma deher ħadd għas-soċjeta' intimata u għalhekk, fuq talba tar-rikorrenti li kkonfermat li l-ammont kien għadu dovut, il-kawża ġiet differita għas-sentenza għal-lum.

9. Il-Qorti, fl-assenza ta' kwalsiasi kontestazzjoni da' parte tas-soċjeta' intimata, debitament notifikata, ma tara ebda raġuni għaliex ma għandhiex tilqa' t-talba kif dedotta.

Il-Qorti ghalhekk,

**Tilqa’** t-talba rikorrenti, kif dedotta, u

**Tikkundanna** lis-soċjeta’ intimata Pal Bulk 1 Shipping Co Limited sabiex tħallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta’ tnejn u tmenin elf u disgħa u sittin Ewro u tlieta u għoxrin ċenteżmu (EUR 82,069.23) oltre l-imgħax legali mid-data indikata għall-ħlas fil-fatturi rispettivi sad-data tal-effettiv pagament.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tas-soċjeta’ intimata.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**